FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002**

**Numru 28**

**Avviz numru 1187/02JR**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Giovanni Chetcuti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u tletin lira Maltija (Lm1030.00), in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u disa' u hamsin lira Maltija (Lm959.00) prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjati u in kwantu ghas-somma ta' wiehed u sebghin (Lm71.00) bhala imghaxijiet legali dovuta sal-lum fuq dan l-ammont;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigeig ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tletin lira Maltija (Lm1030.00), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Mejju, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**